MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT
## ANTONIO GIOVANNI VELLA

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2013

Numru. 1082/2013

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra:

Mohamed Moustafa Albashar, nazzjonalita Sirjana, iben Nuri u Fatima nee Bashar imwieled is-Sirja fl-15 ta` Gunju 1975, residenti 41, Camilleri, Flat No. 2, Triq in-Noqra, B`Bugia u detentur tal-permess ta` residenza Maltija bin-numru MT3217008 u passaport Sirjan bin-numru N004420777.

Talli;

Fil-bidu ta` Marzu 2013, f`dawn il-gzejjer u cioe fl-ajruport ta` Malta u f`ambaxxata Maltija gewwa l-Libja meta kellu fil-pussess tieghu passaport mahrug min awtorita` kompetenti, cioe passaport Libjan u schengen visa mahruga f`isem Faleh Amer, ittrasferixxa dawn id-dokumenti lil persuna ohra jew ircieva dokumenti li gew ittrasferiti lilu minn persuna ohra.

Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel uzu jew ittanta jaghmel uzu minn dokumenti mahruga lil persuni ohra, cioe` dawk diga imsemmija.

Ukoll talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ta prospett falz, dikjarazzjoni falza jew taghrif ta` fatti foloz lil-Ufficjal Principali ta` l-Immigrazzjoni.

U talli fit-30 ta` Ottubru 2013 u fil-jiem ta` qabel f`dawn il-gzejjer iffalsifika, biddel jew ghamel xi tibdil f`passaport jew kellu fil-pussess tieghu xi passaport Sirjan bin-numru N004420777 li hu kien jaf li gie ffalsifikat, imbiddel jew sar xi tibdil fih u cioe hassar timbri mahrugin mill-Awtorita` Sirjana minn fuq l-istess passaport.

U talli matul l-istess zmien, lok u cirkostanzi ghamel falsifikazzjoni ohra jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iffalsifika xi dokument jew kopja vera ta` dokument jew registazzjonijiet maghmula skond l-Att dwar l-Immigrazzjoni.

Rat id-dokumenti kollha ezebiti;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

**Ikkunsidrat:**

Rat illi l-imputat irregistra ammissjoni fl-aktar stadju bikri f'dawn il-proceduri, li giet ikkonfermata minnu wara li l-Qorti tatu zmien xieraq skond il-ligi sabiex jikkonsidra sew l-ammissjoni tieghu, u wara li l-Qorti wissietu solennement bil-konsegwenzi li l-istess ammissjoni kienet ser iggib maghha;

Rat illi sethget tghaddi minnufih ghas-sentenza;

Wara li rat l-Artikoli 3, 4 u 5 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta' Malta;

L-Artikoli 32(1)(c), 32(1)(d) tal-Kapitolu 217 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Kif ukoll l-Artikolu 189 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti fuq ammissjoni m’ghandiex ghazla ohra hlief li issib lill-istess imputat hati skond l-akkuzi dettota kontra tieghu u ghal daqstant qegheda tikkundannah sena prigunerija sospiza ghal sentejn ai termini ta` l-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta.

Il-Qorti spjegat il-portata ta’ din is-sentenza lill-imputat.

**DR. ANTHONY J. VELLA BA,LL.D.,MA**
**MAGISTRAT**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------